# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR151644mt, Press Release Issue Date: Jul 15, 2015

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott hawn taħt imsemmi ma għandux jiġi kkonsmat minħabba l-possibilità tal-preżenza ta' residwu tal-mediċina veterinarja Sulfonamide.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-Prodott: | Għasel |
| Ditta: | Siberia Group |
| Oriġini: | Il-Ġermanja |
| Deskrizzjoni tal-maħfen u l-użin: | Kontenitur rettangolari tal-plastik trasparenti ta' 250g |
| Numru tal-Lott: | BC-201 |
| Data tad-durabilita`: | 23/10/2016 |

Peress li l-kumpanija involuta rrapurtat li l-prodotti laħqu waslu għand il-konsumatur finali, bħalma jsir f'dawn il-każijiet, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab fil-Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.